

## Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni

(2009/C 31/06)



*Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida commemorattiva ta' 2 euro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Ġermanja*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Bl-għan li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha kkonċernati li minn taħt idejhom jgħaddu l-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinj tal-muniti ġodda kollha tal-euro <sup>(1)</sup>. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ ta' muniti euro għaċ-ċirkolazzjoni jistgħu joħorġu kwantitajiet determinati ta' muniti euro commemorattivi għaċ-ċirkolazzjoni, bil-kundizzjoni li tintuża biss id-denominazzjoni taż-2 euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi tal-muniti tal-euro normali, imma għandhom disinn kommemorattiv rappreżentat fuq il-wiċċ nazzjonali tagħhom.

**Pajjiż tal-ħruġ:** Il-Ġermanja

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** Saarland

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-parti interna tal-munita tirrappreżenta l-knisja ta' San Lwiġi ta' Saarbrücken. Fuq il-bini tal-knisja hemm miktub isem ir-reġjun "SAARLAND" u l-marka taz-zekka rrapreżentata minn waħda mill-ittri "A", "D", "F", "G", jew "J". Fuq il-lemin tal-bini jidhru l-ittri inizjali tal-inċiżur Friedrich Brenner, "FB". Iċ-ċirku ta' barra għandu, fuq in-naħa ta' taħt, l-isem tal-pajjiż minn fejn inħarġet il-munita: "BUNDESREPUBLIK DEUTSCHLAND", u fin-naħa ta' fuq, id-data tas-sena "2009" u 12-il kewba.

**Għadd massimu ta' muniti li se jinħarġu:** 30 miljun munita

**Data approssimattiva tal-ħruġ:** Frar 2009

**Tinqiż mad-dawra ta' barra:** "EINIGKEIT UND RECHT UND FREIHEIT" u l-ajkla federali

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 dwar l-uċuħ tal-muniti nazzjonali kollha maħruġin fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2003 dwar tibdiliet fid-disinn tal-uċuħ nazzjonali tal-muniti tal-euro.